**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 08/11(03_10_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 3 t' Ottubru 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-istess Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Settembru 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sejħa għall-offerti – Miżuri 313 u 323.
6. Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.
7. Jum Il-Munxar 2011.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

**6.00 Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.**

6.02 Is-Sindku kien ikkonsulta mal-Kappillan u wara li huwa kkonsulta mal-Kleru tal-Parroċċa kien hemm qbil li l-bieb fil-balavostri tal-ġenb jiġi eliminat.

**7.00 Jum Il-Munxar 2011.**

7.01 Din is-sena Jum Il-Munxar ser jaħbat it-Tnejn u għaldaqstant is-Serata ta' Jum Il-Munxar ser issir f' din il-ġurnata. Il-Kunsill ser joħroġ sejħa sabiex jiġu nnominati persuni għal Ġieħ Il-Munxar 2011. Din is-sena wkoll il-Kunsill kien ser jippreżenta ċertifikati lill-membri ta' għaqdiet tal-lokalita'.

Għal din is-sena l-Kunsill ser joħroġ sejħa għal mużiċisti. Hemm il-ħsieb li titwaqqaf Orkestra żgħira sabiex iddoqq biċċiet ta' mużika fis-Serata ta' Jum Il-Munxar. Dawk interessati li jagħmlu parti minn din l-Orkestra jeħtieġ li jkunu jdoqqu wieħed minn dawn l-instrumenti: *string instrument, brass instrument, reed instrument* jew *percussion instrument* u li għandhom livell intermedju kemm fil-prattika ta' l-istrument kif ukoll fit-teorija tal-mużika. Is-Sur Patrick Grima ser jieħu ħsieb ir-*rehearsals* ta' din l-Orkestrina.

Bħala *entertainment* għal waqt is-Serata ser jiġu mistiedna ż-żewġ korijiet tal-Parroċċa u l-Kantawtur Mario Caruana.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Bħalissa ħaddiema tal-IPSL qed ikomplu x-xogħol ta' pavimentar fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Issa jmiss li tinxtara l-ġebla l-kbira sabiex tkun tista' titnaqqax mill-Iskultur fil-post.

**9.00 Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

9.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi ma kienx preżenti fil-laqgħa.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għall-Iskema ta' Attivitajiet Sportivi u tiġi organizzata *Sports Day*.

10.02 Fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex ġie deċiż li ssir *study visit* għall-Brussels f' Novembru li ġej. Nofs l-ispejjeż ser jitħallsu mill-Parlament Ewropej u n-nofs l-ieħor mill-Kunsill Lokali. Din ser tkun għas-Sindki u Viċi-Sindki u jekk xi ħadd ma jkunx jista', jmur Kunsillier.

10.03 Is-Sindku fakkar li għal Jum Il-Munxar 2009 kien organizzat *tournament* tal-boċċi fejn il-premju kellu jkun *voucher* ta' €120 għat-tim li jirbaħ. Issa peress li t-tim li rebaħ kien kompost f' żewġ persuni, l-premju għandu jkun ta' €60 kull persuna. Kien hemm qbil li jingħata *voucher* ta' €60 lil Leli Spiteri u ieħor ta' €60 lil Joseph Debrincat.

10.04 Is-Sindku kellu laqgħa ma' l-OASI Foundation dwar *survey* taż-żgħażagħ ta' dari u llum. Attenda laqgħa oħra ma' Uffiċjali tal-*Paying Office* tal-MRRA dwar il-Miżuri 323 u 313. Attenda wkoll għal *Seminar* organizzat mill-MEPA dwar *noise pollution* u *electronic waste*.

10.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Gvern dalwaqt ser iniedi skema ta' PPP ta' *Sports* fejn il-Kunsill Lokali tal-Munxar jagħmel ftehim dwar il-*ground* taċ-Ċentru Parrokkjali u d-*Day Centre*.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kumitat tat-Torri tax-Xlendi għadu qed ifittex Perit sabiex jieħu ħsieb il-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi. Il-Perit Edward Scerri ġie avviċinat mir-Rappreżentant ta' Din l-Art Ħelwa u aċċetta li jieħu ħsieb il-proġett. Il-Perit Scerri talab ħlas ta' 4.5% minflok is-6% filwaqt li Rappreżentanti ta' Din l-Art Ħelwa qed jitolbu lill-Perit li jitħallas bis-siegħa. Il-Kunsill Lokali tal-Munxar qed jaqbel li l-Perit jitħallas bl-4.5% ta' kemm ser jiswa l-proġett.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sur Patrick Grima reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-*Bus Shelter* tal-Pjazza tal-Knisja. Semma wkoll il-*corner mirror* li saret fil-bidu ta' Triq Dun Spir Gauci peress li din ma hemm l-ebda vantaġġ għat-traffiku li jgħaddi minn din it-triq. Is-Sindku informa li l-*Bus Shelter* ser issir dalwaqt għax għadha ma ġietx approvata l-*minor amendment* mill-MEPA. Dwar il-*corner mirror*, din ma ħadmitx u ser tinqala' minn postha.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku semma l-bankina li qiegħda quddiem il-*plot* il-vojta u r-Remissa fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar. Din ser titranġa peress li f' din ir-Remissa u l-*plot* ser jibdew idaħħlu l-vetturi.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' Novembru 2011, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***